MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Numru. 279/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joseph Farrugia bin Carmel u Nazzarena nee' Debrincat,**
**imwieled fil-11 ta' Dicembru, 1946 u residenti Josmar Ville,**
**Triq tal-Masri, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 96946(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Farrugia li gie akkuzat talli fis-26 ta' Frar, 2007 ghal habta ta' 11:00hrs fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex bhala l-

persuna li fuq ismu ghandu licenzja tal-hanut Central Coffee Shop:

1) Naqas li jhares xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-att jew kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta din il-licenzja (Art 43 (1)(B) Kap 409)
2) Aktar talli zamm jew mexxa il-post imsemmi bhala stabbiliment li jipprovdi l-ikel minghajr licenzja tal-awtorita' dwar dan is-servizz tal-Ivvjaggar u Turizmu ghal Malta (Sec 18 (1) Kap 409)
3) Aktar talli minghajr ma kellu licenzja mexxa xi attivita Turistika jew ippermetta li xi attivita' turistika titmexxa minn din il-proprjeta' jew stabbiliment imsemmi li taghha huwa s-sid jew li minnha huwa seta' jmexxi dik l-attivita' li kieku kellu licenzja valida (Sec 43 (1)(A) Kap 409)
4) Aktar talli bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja ppermetta tqeghid ta' mwejjed u siggijiet ai termini ta' Art 15 (1) ta' l-A.L. 128/2002 u dan bi ksur tal-licenzja tal-Istabbiliment li jipprovdi l-Ikel (Lic Ref P/Z/149/49) l-artikolu 43(1)(B) Kap 409 Sec 23(1) L.N. 128/2002
5) Aktar talli ppermetta lil Paul Cini minn Nadur, Ghawdex sabiex jaghmilha ta' Sostitut fil-hanut imsemmi minghajr permess tal-Awtorita' kompetenti.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-licenzja tal-hanut Central Coffee Shop tinsab fuq isem l-imputat. L-imputat jidher illi kera dan l-istabbiliment madwar hames (5) snin ilu lil certu Charles Cordina u dahal bhala "substitute" fil-licenzja certu Roderick Cordina li jigi hu Charles Cordina;

Jidher illi f'xi zmien u cioe' ghall-habta ta' Novembru 2006 l-imputat innota illi kien hemm nies ohra f'dan il-hanut u cioe' lil Paul u Freddie Cini illi hu ma kienx jaf bihom;

Hu mal-ewwel wera' l-oggezzjoni tieghu ghal dan u beda jirrapporta lill-awtoritajiet;

Inoltre beda wkoll proceduri civili fil-Qorti kontra Charles Cordina sabiex jizgumbrah mill-fond u dana peress illi l-inkwilin kien kiser il-ftehim tal-kera ffirmat fit-23 ta' Dicembru, 2002;

Jidher illi llum il-post huwa battal u dana wara illi l-post gie abbandunat;

Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta illi l-imputat ghamel l-almu tieghu kollu u dana sabiex ma jkunx hemm ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu fil-licenzja tant illi anke rrapporta lill-awtoritajiet koncernati sabiex jaghtuh l-assistenza u jittiehdu l-passi necessarji sabiex dana l-ksur jieqaf u ghalhekk huwa bl-ebda mod ma ppermetta illi dan in-nuqqas ikompli jsehh;

Ma jistax jinghad ghalhekk illi mill-provi prodotti jidher illi l-akkuzi kienu ppruvati u dana fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ghamel dak kollu li seta' sabiex izomm milli n-nuqqas ta' osservanza tal-Ligi jkompli fis-sehh;

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi wara li rat l-Artikoli 18(1) 45(1) (A) (B) Kap 409, Art 15 (1) u 23 L.N. 128/2002, illi ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------